**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Maria Rosaria Calleja detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 67766(M),**

**u**

**Omissis**

***Kump. Nru. 101/17***

Illum 24 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Rosaria Calleja u Omissis talli:

1. f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' April, 2013 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2,329.37) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprijaw riwehom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew kkunsinata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadu u zammew ghandhom ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2,329.37) ghad-dannu tad-Dipartiment tal-VAT, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju;

3. kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

4. u aktar talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, xjentement naqqsu li jaghtu kont ghal xi attivita` taxxabbli jew xi akkwist intra-Kommunitarju mwettqa minnhom fir-records, dokumenti u kontijiet mehtiega bl-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew b'xi regolamenti maghmulin bis-sahha tieghu;

5. kif ukoll talli fl-istess perjodu lok u cirkostanzi, ghamlu denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kienux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali;

6. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifikaw xi records, dokumenti jew kontijiet mehtiega li jinzammu taht l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jew hejjew jew ghamlu jew ghenu fit-thejjija jew fl-ghemil jew ghamlu uzu minn, xi records, dokumenti jew kontijiet foloz.

Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi nhar it-3 ta' Novembru, 2016 l-imputata Maria Rosaria Calleja rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hajta ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hi ngahtat zmien xieraq sabiex jekk riedet setghet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghda tinstab hatja dwarhom l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali taghha li ghalkemm ma tohloqx preokkupazzjoni serja ghall-Qorti madanakollu mhiex xi wahda felici, kif ukoll tal-ammissjoni taghha liema ammissjoni ma saritx fi stadju bikri. Il-Qorti hadet konsiderazzjoni ukoll tax-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT minn fejn jirrizulta li l-ammont pretiz mill-kwerelant Kummissarju ghat-Taxxi hu prezentement kkontestat quddiem it-Tribunal Amministrattiv.

Illi l-ewwel zewg akkuzi nghataw bhala akkuzi alternattivi. Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs John O'dea**:[1]

Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni u cjoe` dik rigwardanti l-allegata approprijazzjoni indebita, ghandu jinghad li huwa ormai pacifiku li eta oggett jigi kkonsenjat mis-sid lil bniedem iehor biex dan jiehdu band'ohra, u mhux fil-prezenza jew taht l-indukrar tas-sid, allura hemm l-approprijazzjoni indebita meta dak il-bniedem l-iehor jiehu dik il-haga lilu kkonsenjata. (ara f'dan ir-rigward **Il-Maesta Tieghu r-Re vs Antonio Pisani** ddatata 2 ta' Dicembu ta' l-1941; **Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia** ddatata 25 ta' April ta' l-1945; **Il-Pulizija vs Maria Bezzina** ddatata 19 ta' April ta' l-1958**; Il-Pulizija vs Joseph Mifsud** ddatata 2 ta' Dicembru ta' l-1992 u **Il-Pulizija vs Joseph Richmond et** ddatata 14 ta' Jannar ta' l-1993;

[1] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 11.01.1994 per Onor Imhallef Carmel Agius. Vol.LXXVIII (1994), Part V, Sez.II. p.206.

……Ma hemmx dubju illi u dan gie koncess mill-ewwel Qorti u jigi koncess minn din, illi s-socjeta` tal-appellant kienet ghaddejja minn zminijiet difficli u mhemmx dubju wkoll li kien hemm hafna djun, fosthom dejn dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jifforma wkoll mertu ta' dan il-kaz. ……… la kien hemm flus biex jithallsu l-impjegati l-ohra, jew almenu uhud minnhom, il-procedura kellha tkun illi titwarrab il-parti dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni materjalment, u din tithallas lill-Kummissarju. Jekk b'din is-sistema ma kien hemm bizzejjed biex jithallas kulhadd u biex tkompli ghadejja s-socjeta`…… Is-soluzzjoni certament ma kinitx li l-qtugh isir taparsi u dak li suppost gie maqtugh jintuza biex tibqa` ghadejja l-kumpanija u anke biex jithallsu impjegati ohrajn. Jekk ma kienx hemm biex jithallsu pmpjegati ohrajn, jew ma kienx hemm bizzejjed biex il-kumpanija tibqa' topera, kif inghad kien hemm soluzzjonijiet ohra …..

Il-konkluzjoni trid tkun li effettivament kien hemm il-qtugh u li dak li nqata' mis-salarju ta' kull impjegat individwalment, flok intuza ghall-iskop li ghalih kien destinat, intuza ghall-skop iehor. F'dawn ic-cirkostanzi jiffigura perfettament ir-reat ta' approprijazzjoni indebita …..

Illi ma hemmx dubbju li l-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom fir-reat previst bit-tieni akkuza, dik tal-approprijazzjoni indebita, u mhux f'dik ta' frodi postulata fl-ewwel akkuza. Ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza.

Illi t-tielet sas-sitt imputazzjonijiet, it-tnejn inkluzi, bla dubbju servew bhala mezz ghall-fini sabiex jitwettaq ir-reat li qed tinstab htija dwaru u cioe` dak tal-approprijazzjoni indebita.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 188, 293, 294, 310(1)(a)[2] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 77 (a)(b)(c) tal- Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghall-erba' snin millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja thallas is-somma ta' €115,036 lill-Kummissarju tat-Taxxi u dana fi zmien tlett snin.

[2] Il-piena erogabbli taht dan l-artikolu qabel l-emendi ntrodotti bl-*Att XXIV tal-2014* kienet ta' bejn it-tlettax il-xahar u seba snin prigunerija.

In vista tal-fatt li prezentement is-somma pretiza mill-Kummissarju tat-Taxxi hi mertu ta' proceduri quddiem it-Tribunal Amminstrattiv, f'kaz li dan it-Tribunal jiddeciedi li l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi hu wiehed differenti mill-ammont ta'€115,036, qed jigi ordnat li jkun dak l-ammont kif deciz mit-Tribunal, jew mill-Qorti revizorja f'kaz ta' appell minn dik id-decizjoni, li ghandu jithallas fi zmien tlett snin kif ordnat. Il-pagamenti ghandhom isiru ratejalment bl-ewwel pagament jsir dovut fi zmien xahar minn meta jkun hemm decizjoni finali.

F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk tonoqs milli ssegwi l-ordni moghtija llum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**